



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Strasburgu, 17 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)**

**2025/0021(COD)  
LEX 2446**

**PE-CONS 5/1/25  
REV 1**

**POLCOM 62  
AGRI 121  
UD 63  
COEST 258  
AGRIFIN 27  
CODEC 337**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
DWAR IL-MODIFIKA TAD-DAZJI DOGANALI APPLIKABBLI  
GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET TA' ĊERTI PRODOTTI LI JORIĠINAW  
JEW JIĠU ESPORTATI MILL-FEDERAZZJONI RUSSA  
U MIR-REPUBBLIKA TAL-BELARUSSJA**

**REGOLAMENT (UE) 2025/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tas-17 ta' Ġunju 2025**

**dwar il-modifika tad-dazji doganali applikabbli  
għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw jew jiġu esportati  
mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2025.

Billi:

- (1) L-importazzjonijiet tal-Unjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq l-urea u n-nitroġenu mill-Federazzjoni Russa fl-2023 kienu sinifikanti, fil-livell ta' 3,6 miljun tunnellata, u żdiedu b'mod konsiderevoli fl-2024 meta mqabbla mal-2023. Il-livell tal-importazzjonijiet tal-Unjoni mill-Federazzjoni Russa tal-prodotti agrikoli koperti minn dan ir-Regolament ("il-prodotti agrikoli kkonċernati") huwa relattivament baxx għall-biċċa l-kbira ta' dawk il-prodotti, iżda jista' jiżdied b'mod sinifikanti jekk jippersistu l-kundizzjonijiet kummerċjali attwali.
- (2) L-importazzjonijiet tal-Unjoni tal-fertilizzanti koperti minn dan ir-Regolament ("il-fertilizzanti kkonċernati") bħalissa jirriflettu sitwazzjoni ta' dipendenza ekonomika fuq il-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet tal-prodotti agrikoli kkonċernati jistgħu joħolqu dipendenza ekonomika simili u addizzjonali fuq il-Federazzjoni Russa, li fiċ-ċirkostanzi attwali jenħtieġ li tiġi evitata u mnaqqsa sabiex jiġi protett is-suq tal-Unjoni u tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni.
- (3) Id-dazji doganali komuni *erga omnes* tal-Unjoni huma t-tariffi tan-nazzjon l-aktar iffavorit applikati bħalissa għall-importazzjonijiet tal-prodotti agrikoli kkonċernati u l-fertilizzanti kkonċernati (l-'prodotti kkonċernati'). Dawk it-tariffi attwalment ivarjaw ħafna. Skont il-prodotti kkonċernati, uħud mit-tariffi jew huma stabbiliti fil-livell ta' zero inkella huma stabbiliti baxxi ħafna, filwaqt li tariffi oħra tant huma għoljin li ma jseħħ l-ebda kummerċ.

- (4) L-importazzjonijiet kontinwi tal-prodotti kkonċernati mill-Federazzjoni Russa skont il-kundizzjonijiet attwali tista' tagħmel lill-Unjoni vulnerabbli għal azzjonijiet koerċittivi mill-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari, żieda potenzjali fl-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati mill-Federazzjoni Russa tista' tfixkel is-suq tal-Unjoni u tħalli impatt negattiv fuq il-produtturi tal-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri tariffarji xierqa sabiex tiġi indirizzata d-dipendenza ekonomika attwali u potenzjali tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati mill-Federazzjoni Russa. Dan jenħtieġ li jsir billi tintemm is-sitwazzjoni attwali fejn il-prodotti kkonċernati jidħlu fis-suq tal-Unjoni b'termini li huma favorevoli daqs dawk applikati għal prodotti ta' oriġini oħra li jirċievu t-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit.

- (5) Bħalissa, l-importazzjonijiet tal-fertilizzanti kkonċernati mill-Federazzjoni Russa diġà qed jiżdiedu u jistgħu jiżdiedu aktar u malajr jekk il-produzzjoni Russa addizzjonali tiġi orjentata mill-ġdid lejn l-Unjoni. Tali żieda potenzjali fl-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa tfixkel is-suq tal-Unjoni għall-fertilizzanti kkonċernati u tagħmel ħsara lill-produtturi tal-Unjoni tal-fertilizzanti tan-nitroġenu, li diġà qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jikkompetu mal-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa minħabba li l-prezzijiet tal-gass fl-Unjoni għadhom għoljin. Is-sopravivenza fit-tul tal-industrija tal-fertilizzanti tan-nitroġenu tal-Unjoni hija ta' importanza kruċjali għas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni minħabba li s-settur agrikolu tal-Unjoni jeħtieġ il-fertilizzanti kkonċernati sabiex jipproduċi l-ikel. Għalhekk huwa vitali li tiġi indirizzata d-dipendenza dejjem tikber fuq l-importazzjonijiet tal-fertilizzanti kkonċernati mill-Federazzjoni Russa u tiġi ppreservata l-vijabbiltà ta' industrija awtonoma tal-Unjoni tal-fertilizzanti tan-nitroġenu biex tiġi żgurata u tinżamm is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni. Sabiex tiġi evitata dipendenza futura fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli mill-Federazzjoni Russa, huwa meħtieġ ukoll li jiġu aġġustati l-livelli tariffarji għall-prodotti agrikoli kkonċernati..

- (6) Jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri tariffarji fir-rigward tar-Repubblika tal-Belarussja sabiex jiġi evitat li l-importazzjonijiet potenzjali lejn l-Unjoni mill-Federazzjoni Russa jiġu ddevjati minn ġewwa r-Repubblika tal-Belarussja, meta jitqiesu r- rabsiet politiċi u ekonomiċi mill-qrib tar-Repubblika tal-Belarussja mal-Federazzjoni Russa. Tali devjazzjoni ta' importazzjonijiet potenzjali tista' sseħħ jekk it-tariffi tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati mir-Repubblika tal-Belarussja ma jinbidlux. Għalhekk, jenħtieġ li l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati li joriġinaw jew li jiġu esportati, direttament jew indirettament, mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja lejn l-Unjoni jkunu soġġetti għal dazji doganali oġġla meta mqabbla ma' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra.
- (7) Jenħtieġ li l-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja ma jibbenefikaw minn l-ebda tariffa aktar baxxa skont il-kwoti tariffarji tal-Unjoni abbażi tat-tattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit. Għalhekk, jenħtieġ li r-rati mnaqqsa stabbiliti fil-kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-prodotti elenkati fl-Annessi ta' dan ir-Regolament ma japplikawx għall-prodotti li joriġinaw jew li jiġu esportati, direttament jew indirettament, mill-Federazzjoni Russa jew mir-Repubblika tal-Belarussja lejn l-Unjoni.
- (8) Iż-żieda prevista fid-dazji doganali mhijiex mistennija li taffettwa is-sigurtà globali tal-ikel b' mod negattiv minħabba li ż-żieda fit-tariffi tapplika biss għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u ma taffettwax il-prodotti kkonċernati jekk ikunu biss fi tranżitu mit-territorju tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi tad-destinazzjoni finali. Għall-kuntrarju, iż-żieda prevista fid-dazji tal-importazzjoni tal-Unjoni tista' żżid l-esportazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati lejn pajjiżi terzi u żżid id-disponibbiltà tal-provvisti f' dawk il-pajjiżi terzi.

- (9) Fl-istess ħin, il-fertilizzanti għandhom rwol sinifikanti għas-sigurtà tal-ikel kif ukoll għall-istabbiltà finanzjarja tal-bdiewa fl-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat aċċess prevedibbli u suffiċjenti għall-fertilizzanti, f'livelli ta' prezzijiet affordabbli għall-bdiewa fl-Unjoni, li konsegwentement jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-istabilizzazzjoni tas-swieq agrikoli. Matul perjodu tranżitorju, il-miżura proposta tistimula ż-żieda fil-produzzjoni fl-Unjoni u tippermetti t-tisħiħ ta' sorsi alternattivi ta' provvista minn sħab internazzjonali oħra, filwaqt li timminimizza r-riskju li l-prezzijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-Unjoni jiżdiedu b'mod sostanzjali. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-fertilizzanti fis-suq tal-Unjoni. Jekk il-prezzijiet tal-fertilizzanti jiżdiedu b'mod sostanzjali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni u tiegħu l-azzjonijiet xierqa kollha biex tirrimedja tali żieda fil-prezzijiet.
- (10) Iż-żieda prevista fid-dazji doganali hija konsistenti mal-azzjoni esterna tal-Unjoni f'oqsma oħra, kif stabbilit fl-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-istat tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Federazzjoni Russa ddeterjora ħafna f'dawn l-aħħar snin u b'mod partikolari mill-2022. Dik id-deterjorazzjoni tar-relazzjonijiet hija dovuta għannuqqas ta' rispett sfaċċat tal-Federazzjoni Russa għad-dritt internazzjonali u, b'mod partikolari, il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tagħha kontra l-Ukrajna. Minn Lulju 2014, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi fuq il-kummerċ mal-Federazzjoni Russa b'rispons għall-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna.

- (11) Il-Federazzjoni Russa hija membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (“WTO”). Madankollu, l-Unjoni bħalissa hija permessa, bis-saħħa tal-eċċezzjonijiet li japplikaw skont il-Ftehim li Jistabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-“Ftehim tad-WTO”), u b’mod partikolari l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar Tariffi u Kummerċ 1994 (eċċezzjonijiet ta’ sigurtà), li tinjora l-obbligu li tagħti lill-prodotti importati mill-Federazzjoni Russa it-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, u mhijiex imwaqqfa milli timponi dazji ta’ importazzjoni oġġla minn dawk li jinsabu fl-iskeda tal-impenji tariffarji tal-Unjoni fuq il-kummerċ tal-prodotti, jekk l-Unjoni tqis li tali miżuri huma meħtieġa sabiex jiġu protetti l-interessi tas-sigurtà essenzjali tal-Unjoni.
- (12) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Belarussja ddeterjoraw ukoll matul dawn l-aħħar snin minħabba n-nuqqas ta’ rispett min-naħa tar-Repubblika tal-Belarussja għad-dritt internazzjonali, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll l-appoġġ tagħha għall-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa. Minn Ottubru 2020, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi fuq il-kummerċ mar-Repubblika tal-Belarussja.
- (13) Ir-Repubblika tal-Belarussja mhijiex membru tad-WTO. Għalhekk, l-Unjoni mhijiex obbligata, bis-saħħa tal-Ftehim tad-WTO, li tagħti lill-prodotti mir-Repubblika tal-Belarussja t-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u trattament ieħor f’konformità ma’ dak il-Ftehim. Barra minn hekk, il-ftehimiet kummerċjali eżistenti bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Belarussja jippermettu azzjonijiet ġustifikati fuq il-bażi ta’ klawżoli ta’ eċċezzjoni applikabbli, b’mod partikolari eċċezzjonijiet ta’ sigurtà.

- (14) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment ta' arranġamenti għall-monitoraġġ tal-volumi tal-importazzjoni, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>2</sup>
- (15) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jżidu t-tariffi fuq il-prodotti kkonċernati b'effett immedjat, l-ewwel nett sabiex jintlaħaq l-oġġettiv bażiku li jiġi żgurat li l-prodotti kkonċernati li joriġinaw jew li jiġu esportati, direttament jew indirettament, mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarusja ma jfixklux is-suq tal-Unjoni għall-prodotti kkonċernati u, it-tieni nett, sabiex tiġi implimentata l-Politika Kummerċjali Komuni u biex jitnaqqsu l-importazzjonijiet tal-Unjoni tal-prodotti kkonċernati mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarusja b'rispons għat-tħassib li tali importazzjonijiet jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-suq intern tal-Unjoni u jfixklu s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi maħsuba skont l-Artikolu 5(4) TUE.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (16) Sabiex tiġi evitata aktar dipendenza ekonomika tal-Unjoni fuq importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati mill-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. Il-prodotti kklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) elenkati fl-Anness I li huma importati fl-Unjoni u li joriġinaw jew jiġu esportati, direttament jew indirettament, mill-Federazzjoni Russa jew mir-Repubblika tal-Belarussja għandhom ikunu soġġetti għal dazju doganali *ad valorem* addizzjonali ta' 50 % li għandu japplika flimkien mar-rata tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli. Tali prodotti li joriġinaw jew jiġu esportati, direttament jew indirettament, mill-Federazzjoni Russa jew mir-Repubblika tal-Belarussja ma għandhomx ikunu eliġibbli għal dazji tal-importazzjoni aktar baxxi għal kwantitajiet limitati (kwoti tariffarji), fejn dawk id-dazji japplikaw skont l-obbligi tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO jew fejn il-kwoti tariffarji jinfetħu mill-Unjoni fuq bażi oħra.
2. Prodotti kklassifikati taħt il-kodiċi NM elenkati fl-Anness II li huma importati fl-Unjoni u li joriġinaw jew jiġu esportati, direttament jew indirettament, mill-Federazzjoni Russa jew mir-Repubblika tal-Belarussja għandhom ikunu soġġetti għal dazju doganali kif ġej:
  - (a) fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102:
    - (i) 6,5 % *ad valorem* + EUR 40/tunnellata mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026;
    - (ii) 6,5 % *ad valorem* + EUR 60/tunnellata mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027;
    - (iii) 6,5 % *ad valorem* + EUR 80/tunnellata mill-1 ta' Lulju 2027 sat-30 ta' Ġunju 2028;
    - (iv) 6,5 % *ad valorem* + EUR 315/tunnellata mill-1 ta' Lulju 2028;

(b) fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3105 20, 3105 30, 3105 40, 3105 51, 3105 59 u 3105 90:

(i) 6,5 % *ad valorem* + EUR 45/tunnellata mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026;

(ii) 6,5 % *ad valorem* + EUR 70/tunnellata mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027;

(iii) 6,5 % *ad valorem* + EUR 95/tunnellata mill-1 ta' Lulju 2027 sat-30 ta' Ġunju 2028;

(iv) 6,5 % *ad valorem* + EUR 430/tunnellata mill-1 ta' Lulju 2028.

3. Minkejja l-paragrafu 2, jekk il-volumi kumulattivi tal-importazzjoni tal-prodotti elenkati fil-punti (a) u (b) ta' dak il-paragrafu jilħqu l-limiti li ġejjin, il-Kummissjoni għandha, fi żmien 21 jum, timponi dazju fil-livell stabbilit fil-punt (a)(iv) jew fil-punt (b)(iv), rispettivament, ta' dak il-paragrafu, għall-importazzjonijiet li jifdal ta' dawk il-prodotti fil-perjodu partikolari:

(a) 2,7 miljun tunnellata mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026;

(b) 1,8 miljun tunnellata mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027;

(c) 0,9 miljun tunnellata mill-1 ta' Lulju 2027 sat-30 ta' Ġunju 2028.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-volumi ta' importazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 3(2).

## *Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-prezzijiet applikabbli fl-Unjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness II għal perjodu ta' erba' snin minn... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
2. Fil-każ li l-livelli tal-prezzijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness II jaqbżu sostanzjalment il-livelli tal-prezzijiet tal-2024 matul il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u tiegħu l-azzjonijiet xierqa kollha biex tirrimedja tali żieda fil-prezzijiet. Tali azzjonijiet jistgħu jinkludu, fejn ikun xieraq, proposta għas-sospensjoni temporanja tat-tariffi għal dawk il-prodotti importati minnpajjiżi għajr il-Federazzjoni Russa jew ir-Repubblika tal-Belarussja u li joriġinaw minnhom.

## *Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat dwar il-Kodiċi Doganali stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).

#### *Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness I, dan ir-Regolament għandu japplika minn ... [erba' ġimgħat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, ...

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNEX I

Lista ta' prodotti msemija fl-Artikolu 1(1)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
01	Annimali ħajjin
02	Laħam u ġewwieni tal-laħam komestibbli
04	Prodotti tal-ħalib; bajd tal-ġhasafar; ġhasel naturali; prodotti li jittieklu ta' oriġini mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
05	Prodotti ta' oriġini mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
06	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, ġheruq u simili; fjuri maqtuġhin u faxxina ornamentali
Ex 07	Ħaxix u ċerti ġheruq u tuberi komestibbli, ħlief: 0713 10 piżelli ( <i>Pisum sativum</i> ) 0713 20 ċiċri (garbanzos)
08	Frott u ġewż komestibbli; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ
09	Kafè, te, matè u ħwawar
1004	Ħafur
1006	Ross
1008 60	Tritikal
Ex 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ, ħlief il-kodiċi NM 1106 10 00
1209	Żrieragħ, frott u spori, ta' tip użat għaż-żriġħ
1210	Koni tal-ħops, frisk jew niexef, mitħun jew le, trab jew f'forma ta' gerbub; lupulina
1211	Pjanti u partijiet tagħhom (inklużi żerriegħa u frott), ta' kwalità użata l-aktar fil-fwejjaħ, fil-farmaċija jew għal għanijiet ta' insettiċidi, funġiċidi jew għal għanijiet simili oħrajn, friski, imkessħin, iffriżati jew imnixxfin, maqtuġhin jew le, misħuqin jew trab

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
1212	Ħarrub, alki tal-baħar u alka oħrajn, pitravi zokkrin u kannamieli, friski, imkessħin, iffriżati jew immixxin, kemm jekk mitħuna u kemm jekk le; għadam u qlub tal-frott u prodotti oħrajn ta' ħxejjex (inklużi għeruq mhux inkaljati taċ-ċikwejra tal-varjetà <i>Cichorium intybus sativum</i> ) tat-tip użati primarjament għall-konsum mill-bniedem, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra
1213	Tiben u ħliefa taċ-ċereali, mhux ippreparati, kemm jekk imqattgħin, mitħunin, ippressati jew fil-forma ta' gerbub u kemm jekk le
1214	Swedes, mangoldi, għeruq għall-għalf, ħuxlief, xnien (alfalfa), silla, sainfoin, kaboċċi għall-magħlef, lupini, għalbiena u prodotti simili tal-għalf, kemm jekk f'forma ta' gerbub jew le
13	Gommalakka; gomom, rażi u meraq u estratti veġetali oħrajn
1401	Materjali veġetali ta' kwalità użata primarjament għat-trizza (eż. bambù, rattan, qasab, ġummar, żafżaf, raffja, tiben taċ-ċereali mnaddaf, ibbliċjat jew miżbugħ, u qoxra tat-tilju)
1404 20	Ħjut tal-qoton
1501	Xaħam tal-majjal (inkluż il-lardu) u xaħam tal-pollam, ħlief dak li jaqqa' taħt l-intestatura 0209 jew 1503
1502	Xaħmijiet tal-annimali bovini, tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, ħlief dawk li jaqgħu taħt l-intestatura 1503
1503	Stearina tal-lardu, żejt tal-lardu, oleostearina, oleomargerina u żejt tax-xaħam ta' dam, mhux emulsifikati jew imħalltin jew preparati b'xi mod ieħor
1505	Xaħam tas-suf u sustanzi xaħmin derivati minnu (inkluża l-lanolina)
1506	Xaħmijiet u żjut tal-annimali oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament
1509	Żejt taż-żebbuġ u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament
1510	Żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, miksubin biss miż-żebbuġ, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament, inklużi taħlitiet ta' dawn iż-żjut jew frazzjonijiet biż-żjut jew frazzjonijiet li jaqgħu taħt l-intestatura 1509
1511	Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
1513	Żejt tal-ġewż tal-Indi (kopra), tal-qalba tal-ġewż tal-palm jew żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament
1515 30	Żejt tar-rigħnu u l-frazzjonijiet tiegħu
1515 50	Żejt tal-ġulgħien u l-frazzjonijiet tiegħu
1515 60	Xaħmijiet u żjut mikrobiċi u l-frazzjonijiet tagħhom
1515 90 11	Żejt taż-żerriegħa tas-siġra tat-tung; żjut tal-jojjoba u l-oitiċika; xema' tar-riħan u xema' tal-Ġappun; il-frazzjonijiet tagħhom
1515 90 21	Żejt grezz taż-żerriegħa tat-tabakk u l-frazzjonijiet tiegħu, għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum mill-bniedem
1515 90 29	Żejt grezz taż-żerriegħa tat-tabakk u l-frazzjonijiet tiegħu, eskluż għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum mill-bniedem
1515 90 31	Żejt taż-żerriegħa tat-tabakk u l-frazzjonijiet tiegħu minbarra dak grezz, għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum mill-bniedem
1515 90 39	Żejt grezz taż-żerriegħa tat-tabakk u l-frazzjonijiet tiegħu għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum mill-bniedem
1516 10	Xaħmijiet u żjut tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom
1516 20 10	Żejt tar-rigħnu idroġenizzat, hekk imsejjaħ "xama' opali"
1516 30	Ix-xaħmijiet u ż-żjut mikrobiċi u l-frazzjonijiet tagħhom
1517	Marġerina, it-taħlitiet jew il-preparati komestibbli tax-xaħmijiet jew taż-żjut tal-annimali, dawk veġetali jew dawk mikrobiċi jew tal-frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti tal-Kapitolu 15, ħlief xaħmijiet jew żjut komestibbli jew il-frazzjonijiet tagħhom li jaqgħu taħt l-intestatura 1516
1518 00 10	Linossina
1520	Gliċerol, grezz; ilmijiet u lissiji tal-gliċerol
1521	Xemgħat veġetali (ħlief trigliċeridi), xema' tan-naħal, xemgħat u spermaċeti ta' insetti oħrajn, kemm jekk raffinati jew kuluriti kif ukoll jekk le
1522	Degras; residwi mit-trattament ta' sustanzi xaħmin jew xemgħat ta' annimali jew dawk veġetali
1601	Zalzett u prodotti simili tal-laħam, tal-ġewwieni tal-laħam, tad-demmi jew tal-insetti; il-preparati tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
1602	Laħam, ġewwieni tal-laħam, demm jew insetti ppreparati jew ippreservati oħrajn
17	Zokkor u ħelu taz-zokkor
18	Kawkaw u preparati tal-kawkaw
19	Preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti tal-pastiċċiera
20	Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott, ġewż jew partijiet oħrajn ta' pjanti
21	Preparati diversi komestibbli
22	Xarbiet, spirti u ħall
2301 10	Dqiq, grixi u gerbub, tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-laħam, mhux tajbin għal konsum mill-bniedem; qrieqeċ
2302 10	Granza, nuħħala u residwi oħrajn tal-qamħirrum (qamħ), fil-forma ta' gerbub jew le, imnislin mit-tnaqqih, tħin jew ipproċessar ieħor
2302 40 02	Granza, nuħħala u residwi oħra tar-ross, kemm fil-forma ta' gerbub jew le, imnislin mit-tnaqqih, tħin jew ipproċessar ieħor, b'kontenut ta' lamtu li ma jaqbiżx il-35 %
2302 40 08	Granza, nuħħala u residwi oħra tar-ross, kemm fil-forma ta' gerbub jew le, imnislin mit-tnaqqih, tħin jew ipproċessar ieħor, ħlief dawk b'kontenut ta' lamtu li ma jaqbiżx il-35 %
2302 50	Granza, nuħħala u residwi oħra ta' veġetali leguminużi, f'forma ta' gerbub jew le, imnislin mit-tnaqqih, tħin jew ipproċessar ieħor
2306 90 11	Pasta taż-żrieragħ żejtnin u fdalijiet oħrajn solidi, kemm jekk mitħunin jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt taż-żebbuġ, li fihom 3 % jew anqas mil-lat tal-piż taż-żejt taż-żebbuġ
2306 90 19	Pasta taż-żrieragħ żejtnin u fdalijiet oħrajn solidi, kemm jekk mitħunin jew f'forma ta' gerbub kif ukoll jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt taż-żebbuġ, li fihom aktar minn 3 % mil-lat tal-piż taż-żejt taż-żebbuġ
2307	Fond tal-inbid; argol

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2308 00 11	Karfa tal-ġheneb magħsur, f'forma ta' gerbub jew le, ta' kwalità użata fl-ġhalf tal-annimali, mhux speċifikata jew inkluża band'oħra, b'qawwa alkoħolika totali mil-lat ta' massa li ma taqbiżx l-4,3 % mas u kontenut ta' materjal xott mhux anqas minn 40 % mil-lat tal-piż
2308 00 19	Karfa tal-ġheneb magħsur, f'forma ta' gerbub jew le, ta' tip użat fl-ġhalf tal-annimali, mhux speċifikata jew inkluża band'oħra, minbarra jekk ikollha qawwa alkoħolika totali mil-lat ta' massa li ma taqbiżx l-4,3 % mas u kontenut ta' materjal xott mhux anqas minn 40 % mil-lat tal-piż
2308 00 40	Ġandar u qastan selvaġġ; residwi jew karfa tal-frott magħsur, ħlief ġheneb, f'forma ta' gerbub jew le, ta' tip użat għall-ġhalf tal-annimali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra
2309 10	Ikel għal klieb jew għal qtates, magħmul disponibbli għal bejgħ bl-immnut
2309 90 10	Materjali li jinħallu ta' ħut jew ta' mammiferi tal-baħar, tat-tip użat fl-ġhalf tal-annimali
2309 90 33	Preparazzjonijiet, inklużi taħlitiet lesti minn qabel, ta' tip użat fl-ġhalf tal-annimali, li fihom glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina tas-subintestaturi 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 iżda li ma fihomx lamtu jew fihom 10 % jew anqas mil-lat tal-piż tal-lamtu u li fihom mhux inqas minn 10 % iżda anqas minn 50 % mil-lat tal-piż ta' prodotti tal-ħalib
2309 90 35	Preparazzjonijiet, inklużi taħlitiet lesti minn qabel, ta' tip użat fl-ġhalf tal-annimali, li fihom glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina tas-subintestaturi 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 iżda li ma fihomx lamtu jew fihom 10 % jew anqas mil-lat tal-piż tal-lamtu u li fihom mhux anqas minn 50 % iżda anqas minn 75 % mil-lat tal-piż ta' prodotti tal-ħalib
2309 90 39	Preparazzjonijiet, inklużi taħlitiet lesti minn qabel, ta' tip użat fl-ġhalf tal-annimali, li fihom glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina tas-subintestaturi 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 iżda li ma fihomx lamtu jew fihom 10 % jew anqas mil-lat tal-piż tal-lamtu u li fihom mhux anqas minn 75 % mil-lat tal-piż tal-prodotti tal-ħalib

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2309 90 43	Preparazzjonijiet, inklużi taħlitiet lesti minn qabel, ta' tip użat fl-għalf tal-annimali, li fihom glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina tas-subintestaturi 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 iżda li fihom aktar minn 10 % iżda mhux aktar minn 30 % mil-lat tal-piż tal-lamtu u li fihom mhux anqas minn 10 % iżda anqas minn 50 % mil-lat tal-piż ta' prodotti tal-ħalib
2309 90 49	Preparazzjonijiet, inklużi taħlitiet lesti minn qabel, ta' tip użat fl-għalf tal-annimali, li fihom glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina tas-subintestaturi 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 u li fihom iktar minn 10 % imma mhux aktar minn 30 % mil-lat tal-piż tal-lamtu u li fihom mhux anqas minn 50 % mil-lat tal-piż ta' prodotti tal-ħalib
2309 90 53	Preparazzjonijiet, inklużi taħlitiet lesti minn qabel, ta' tip użat fl-għalf tal-annimali, li fihom glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina tas-subintestaturi 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 u li fihom iktar minn 30 % mil-lat tal-piż tal-lamtu u li fihom mhux anqas minn 10 % imma anqas minn 50 % mil-lat tal-piż ta' prodotti tal-ħalib
2309 90 59	Preparazzjonijiet, inklużi taħlitiet lesti minn qabel, ta' tip użat fl-għalf tal-annimali, li fihom glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina tas-subintestaturi 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 u li fihom aktar minn 30 % mil-lat tal-piż tal-lamtu u li fihom mhux anqas minn 50 % mil-lat tal-piż tal-prodotti tal-ħalib
2309 90 70	Preparazzjonijiet, inklużi taħlitiet lesti minn qabel, ta' tip użat fl-għalf tal-annimali, li ma fihomx lamtu, glukożju, ġulepp tal-glukożju, maltodestrina jew ġulepp tal-maltodestrina iżda li fihom prodotti tal-ħalib
24	Tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk; prodotti, kemm jekk ikun fihom in-nikotina u kemm jekk le, maħsuba għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni; prodotti oħra li fihom in-nikotina maħsuba għat-teħid tan-nikotina għal ġol-ġisem tal-bniedem
2905 43	Mannite
2905 44	D-gluciitol (sorbitol)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3301	Żjut essenzjali (bla terpeni jew le), inklużi essenzi konkreti u essenzi assoluti; reżinojdi; oleorażi estratti; koncentрати taż-żjut essenzjali fix-xaħmijiet, fiż-żjut fissi, fix-xemgħa jew bħalhom, magħmulin permezz tal-enfleurage jew tal-inqigh; prodotti sekondarji terpeniċi tad-deterpenazzjoni taż-żjut essenzjali; distillati milwiema u soluzzjonijiet milwiema taż-żjut essenzjali
3501	Kaseina, kaseinati u derivati oħra tal-kaseina; kolol tal-kaseina
3502	Albumini (inklużi koncentрати ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox, li fihom mil-lat tal-piż aktar minn 80 % proteini tax-xorrox, kalkulati fuq il-materjal xott), albuminati u derivattivi oħrajn ta' albumina
3503	Ġelatina (inkluża l-ġelatina f'folji rettangolari (inklużi l-kwadri), bil-wiċċ maħdum jew ikkukurit jew le) u derivattivi tal-ġelatina; ġeli ċar (isinglass); kolol oħrajn li ġejjin mill-annimali, esklużi kolol mill-kaseina tal-intestatura 3501
3504	Peptoni u d-derivattivi tagħhom; sustanzi oħrajn ta' proteini u derivattivi tagħhom, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; trab għal ġilda (hide powder), kromat jew le
3505	Destrini u lamti oħra mmodifikati (eż. lamti ġelatinizzati minn qabel jew esterifikati); kolla bbażata fuq lamti, destrini jew lamti oħra modifikati
3809 10	Aġenti għall-finitura, vetturi tal-kuluranti biex jaċċelleraw iż-żbigħ jew l-iffissar tal-kuluranti u prodotti u preparati oħrajn (eż. dressings u sustanzi aderenti tal-kuluranti), ta' tip użat fl-industrija tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew industrija simili, mhux speċifikati jew inklużi banda'oħra, b'bażi ta' sustanzi amilaċeużi
3824 60	Sorbitol ħlief dak tas-subintestatura 2905 44
4101	Ġlud mhux ikkunzati u ġlud tal-annimali bovini (inkluż tal-buflu) jew ekwini (friski, jew immellħin, imnixxfen, trattati bil-ġir, piklati jew preservati mod ieħor, iżda mhux ikkunzati, parċminati jew preparati b'mod ulterjuri), kemm jekk imxerrħa jew bix-xaġħar imneħħi kemm jekk le
4102	Ġlud mhux ikkunzati ta' nagħaġ jew ħrief (friski, jew immellħin, imnixxfen, trattati bil-ġir, piklati jew preservati mod ieħor, iżda mhux ikkunzati, parċminati jew preparati b'mod ulterjuri), kemm jekk bis-suf imneħħi jew maqsum jew le, ħlief dawk esklużi bin-nota 1(c) tal-Kapitolu 41

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
4103	Ġlud mhux ikkunzati u ġlud oħrajn (friski, jew immellħin, imnixxfen, trattati bil-ġir, piklati jew preparati mod ieħor, iżda mhux ikkunzati, parċminati jew preparati b'mod ulterjuri), kemm jekk imxerrħa jew bix-xaġħar imneħħi kemm jekk le, ħlief dawk esklużi bin-nota 1(b) jew bin-nota 1(c) tal-Kapitolu 41
4301	Ġlud grezzi tal-pil (inklużi l-irjus, id-dnieb, is-saqajn u l-bċejjeċ jew il-qatgħat oħrajn, tajbin għal użu tal-pelliċċiera), ħlief ġlud mhux ikkunzati u ġlud tal-intestaturi 4101, 4102 jew 4103
5001	Fosdqa tad-dud tal-ħarir tajbin għat-tkebbib
5002	Ħarir mhux maħdum (mhux mibrum)
5003	Skart tal-ħarir (inklużi l-fosdqi li mhumiex tajba għat-tkebbib, l-iskart tal-ħajt u l-ħażniet mhux maħduma)
5101	Suf, mhux imqardax jew mimxut
5102	Xaġħar fin jew aħrax tal-annimali, mhux imqardax jew mimxut
5103	Skart tal-ħarir jew ta' pil fin jew oħxon tal-annimali, inkluż l-iskart tal-ħajt iżda eskluż l-istokk imrixtel
5201	Qoton, mhux mimxut jew imqardex
5202	Skart tal-qoton (inklużi l-iskart tal-qoton u l-istokk imrixtel)
5203	Qoton, mimxut jew imqardex
5301	Għażel, mhux maħdum jew ipproċessat iżda mhux mibrum; frak u rmixk ta' għażel (inkluż l-iskart tal-ħjut u l-materjal imrixtel)
5302	Qanneb veru ( <i>Cannabis sativa L.</i> ); grezz jew ipproċessat, iżda mhux mibrum; stoppa u skart ta' qanneb veru (inkluż l-iskart tal-ħajt u l-istokk imrixtel)

## ANNEX II

Lista ta' prodotti msemija fl-Artikolu 1(2)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
3102	Fertilizzanti minerali jew kimiċi, nitroġeniċi
Ex 3105	Fertilizzanti minerali jew kimiċi li jkun fihom tnejn jew tlieta mill-elementi fertilizzanti nitroġenu, fosfru u potassju; fertilizzanti oħrajn; prodotti tal-Kapitolu 31 f'forma ta' pilloli jew forom simili jew f'pakketti b'piż gross ta' mhux aktar minn 10 kg, ħlief:  3105 10 00 - Prodotti tal-Kapitolu 31 f'forma ta' pilloli jew forom simili jew f'pakketti ta' piż gross li ma jaqbix 1-10 kg  3105 60 00 - Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom iż-żewġ elementi fertilizzanti fosforu u potassju